# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
## Boys' Secondary, Kirkop

Mark

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2012/13**

**ROTTA 3**

**IR-RABÀ SENA** | **STORJA TA' MALTA** | **ĦIN: siegħa u nofs**

**Isem u Kunjom :** ________________________________________ **Klassi:** __________________

**Taħriġ A:** **Ikteb IVA jekk dawn l-affarijiet kienu jeżistu fis-sena 1800 mal-wasla tal-Inglizi f'Malta u LE għal dawk l-affarijiet li ma kinux jeżistu.**

**(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | l-Għonnella | |
| 2. | skejjel primarji f'kull belt jew raħal | |
| 3. | kerrijiet fil-Mandraġġ | |
| 4. | radju | |
| 5. | servizz tal-karozzi tal-linja | |
| 6. | Teatru Rjal | |
| 7. | il-festi tal-ibliet u l-irħula | |
| 8. | ilma tal-vit f'kull dar | |
| 9. | knisja f'kull belt u raħal | |
| 10. | diversi stamperiji tal-gazzetti | |

**Taħriġ B:** **Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn.** **(5 marki)**

1. qoton, biedja, tarzna, turiżmu, sajd
2. 1835, 1849, 1887, 1890, 1903
3. Anthony Mamo, Gerald Strickland, Ċensu Tabone, Eddie Fenech Adami, Guido De Marco
4. Sptar San Luqa, l-Ingieret, Sptar Mentali f'Ħ'Attard, Sptar Mater Dei, Sptar Navali f'Bighi
5. Il-karnival, l-Imnarja, il-Milied, is-Sette Guigno, il-festa tar-raħal

**Taħriġ Ċ:** **Ara sew dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**(10 marki)**







1. Sorsi A u B qed juruna xeni mportanti mill-irvellijiet tas-**Sette Guigno tal-1919**. Semmi żewġ raġunijet li wasslu għal dawn l-irvellijiet? (2)

2. Ħares sew lejn sors A. X'qed turina din l-istampa? (2)

3. Sors B qed jurina l-mument meta ddaħħal raġel ferut fil-każin *Giovane Malta* ġewwa l-Belt Valletta. X'kien qed isir f'dan il-każin qabel ma ddaħħal dan ir-raġel ferut? (2)

4. Waħda mill-konsegwenzi ta' dawn l-irvellijiet kienet l-għotja ta' Konstituzzjoni ġdida. F'liema sena ingħatat din il-Kostituzzjoni u kif inhi magħrufa? (2)

5. Għalfejn din il-Kostituzzjoni kienet posittiva għall-Maltin? (2)

**<u>Taħriġ D</u>:** **Qabbel il-persunaġġi f-Kolonna A mal-kliem tal-Kolonna B billi tqiegħed numru ħdejn il-Kolonna B.**

**(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Joseph Howard | Għamel rapport dwar l-iskejjel | |
| **2.** | Sir Alexander Ball | Waqqaf il-partit Anti-Riformista | |
| **3.** | Dr. Filippo Sciberras | Spettur tal-iskejjel primarji | |
| **4.** | Patrick Keenan | L-ewwel gvernatur ta' Malta | |
| **5.** | Sir Thomas Maitland | Waqqaf il-partit Riformista | |
| **6.** | Sir Anthony Mamo | Kummissarju Ċivili | |
| **7.** | Fortunato Mizzi | L-ewwel Prim Ministru ta' Malta | |
| **8.** | Kan. Pawlu Pullicino | Kien favur l-Ingliżi u favur il-*free choice* fl-edukazzjoni | |
| **9.** | Siġismondo Savona | L-ewwel President ta' Malta | |
| **10.** | Gerald Strickland | Mexxa l-Assemblea Nazzjonali | |

**<u>Taħriġ E</u>:** **Spjega fi kliemek dawn il-kliem/espressjonijiet li ġejjin.** **(10 marki)**

1. Kostituzzjoni ____________________________________________

____________________________________________

2. Libertà tal-Istampa ____________________________________________

____________________________________________

3. Petizzjoni____________________________________________

____________________________________________

4. Il-Kwistjoni tal-Lingwa____________________________________________

____________________________________________

5. Malta ssir Repubblika____________________________________________

____________________________________________

**Taħriġ F**: **Ħares sew lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**(10 marki)**




1. Liema mezz ta' transport jidher f'sors A?

_________________________________(1)

2. B'liema sors ta' enerġija kien jaħdem?

_________________________________(1)

3. Liema mezz ta' transport wassal għat-tmiem tiegħu fl-1929?

_______________________________________________________________(1)

4. X'inhu l'mezz ta' transport li jidher f'sors B?

_______________________________________________(1)




5. Minn fejn sa fejn kien iwasslek?

_______________________________________________(2)

6. Sors Ċ qed jurina l-istess mezz ta'transport fiż-żminijiet tal-lum. Għalfejn taħseb li dan il-mezz ta' transport reġa beda jaħdem illum? X'vantaġġi jista joffri?

_______________________________________________

_______________________________________________




_______________________________________________(2)

7. Wara t-tieni gwerra dinjija ħafna Maltin bdew jemigraw speċjalment lejn l-Awstralja. Liema mezz ta' transport taħseb li użaw dawn l-emigranti?

_______________________________________________(1)

8. Il-ferry Malta kienet kumpanija privata li twaqfet fl-1920 biex tieħu ħsieb it-transport bejn Malta u Għawdex. Qabel twaqfet din il-kumpanija x'kien jismu l-mezz ta' transport li kien iġorr il-passiġġieri bejn Malta u Għawdex?

_______________________________________________(1)

**Taħriġ Ġ :** **Aqra din is-silta dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-Maltin. Poġġi dawn il-kelmiet fis-sentenzi li hawn taħt. Kull kelma għandha tintuża darba biss.**

**(10 marki)**

**injoranza, għajn, progress, tuberkolozi, trakoma, faqar, barranin, pesta, kawża, trabi,**

Il-maġġoranza tal-poplu Malti kien jgħix f'miżerja u ___________ kbir u f'ambjent maħmuġ. In-nies kienu jġibu l-ilma minn xi ______________ fil-qrib. Id-djar kienu żgħar u bla twieqi li fihom kienu joqogħdu kemm nies u annimali. Il-poplu ma kienx imdorri jinħasel spiss għax minnħabba l-________________kienu jaħsbu li jekk tinħasel ta' spiss tista' timrad. L-ambjent ta' barra kien ukoll nieqes mill-indafa għaliex il-maġġoranza tat-toroq kienu kollha trab u ħamrija.




Dan kollu kien il-____________ li l-istat ta' saħħa tal-Maltin kien wieħed ħażin ħafna. Kien hawn bosta mard infettiv bħall-mard tas-sider imsejjaħ _______________, infezzjoni fl-għajn ikkawżata minn arja maħmuġa msejjħa _______________, kif ukoll id-deni rqiq, ġidri u kolera. Dan il-mard infettiv kien ikun ikkawżat ukoll mill-bosta _______________li kienu jiġu Malta mal-bastimenti li kienu jaslu Malta mill-Mediterran. Tant il-kondizzjonjiet ta' saħħa u sanitarji kienu ħżiena li nofs it-_____________ li kienu jitwieldu kienu jmutu wara ftit ġranet. Barra dan kull tant żmien kienu jinfirxu epidemiji speċjalment ta' __________ u ta' kolera li kienu jħallu mijiet ta' vittimi. Ta' min jgħid ukoll li x-xjenza tal-mediċina ma kinitx għamlet ______________ fil-glieda ta' mard infettiv għaliex ċerti skoperti importanti fil-qerda ta' dan il-mard kienu għadhom ma sarux.

**Taħriġ G:** **Agħżel ir-risposta t-tajba** **(10 marki)**

1. Meta tinqala' xi kriżi, il-Gvernatur Ingliż kien jibgħat f'Malta xi (*Re, Kummissjoni Rjali, ambaxxatur*) biex issir investigazzjoni.

2. Gerald Strickland ried idaħħal f'Malta (*s-sistema tal-free choice, is-sistema tal-pari Passu, il-liberta tal-istampa).*

3. L-ewwel Unjoni tal-Ħaddiema Maltin twaqqfet (*fit-Tarzna, il-Belt, l-Imdina*).

4. Il-Maltin ingħataw il-Libertà tal-istampa fis-sena (*1839, 1800, 1919*).

5. Fl-1883 (*Thomas Maitland, Mr.Chadwick, Lord Plumer*) ħareġ bi pjan biex jibda jittella l-ilma minn taħt l-art permezz ta' boreholes.

6. Il-Kwistjoni tal-Lingwa għenet biex jitwaqqfu l-ewwel (*partiti politiċi, stamperiji, skejjel).*

7. Il-Kummissarji Rjali riedu jbidlu l-kultura Maltija minn waħda (*Ingliżizzata, Taljanizzata*) għal waħda (*Ingliżizzata, Taljanizzata*).

8. Sa l-1882 il-Belt, il-Furjana u l-Kottonera kienu għadhom jirċievu ilma mill-Akwedott (*ta' Wignacourt, tal-Fawwara*). Fl-1845 sar l-Akwedott (*ta' Wignacourt, tal-Fawwara)* biex jitwassal l-ilma fil-Kottonera.

**<u>Taħriġ Ħ</u>: Ara sew dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**



**Sors A**

1. Ħares sew lejn sors A. F'liema perjodu ta' Malta sfaw imġarrfa diversi djar?

_______________________________________(1)

2. X'għamel il-gvern Ingliż biex jirranġa din is-sitwazzjoni u minn fejn ġiet l-għajnuna?

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________(2)

3. Xi bdiet tibni l-Awtorita tad-Djar fis-snin 60?

_______________________________________(1)

**Sors B**



4. Ħares lejn sors B. X'qed jurina dan is-sors?

_______________________________________(1)

5. Għalfejn l-Ingliżi bnew dan is-sors?

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________(1)

**Sors Ċ**

Bejn l-1800 u l-1940 il-livell ta' l-għixien ta' ħafna Maltin kien baxx ħafna. Parti kbira tan-nies kienu jaħdmu sigħat twal u jaqilgħu ftit flus. Il-flus ma kinux biżżejjed biex imantnu l-familji kbar li kien ikollhom, anki fl-aktar affarijiet essenzjali bħall-ikel, l-ilbies u kura mill-mard. Id-djar kienu żgħar u neqsin mill-kumditajiet li mdorrijin bihom illum,

6. Aqra sew sors Ċ. Semmi kumdita li għadna llum li l-Maltin ta' dawk iż-żminijiet ma kellhomx.

________________________________________________(1)

7. Fejn kienu jgħixu l-aktar nies fqar ta' Malta?

________________________________________________(1)

8. X'kien l-irwol ta' dawn in-nies fis-soċjeta Maltija ta' dak iż-żmien?

- Irġiel ________________________________________
- Nisà ________________________________________(2)

**<u>Taħriġ I</u>: Fuq karta separata ikteb komponiment fuq WAĦDA minn dawn li ġejjin.**

**(15 il-marka)**

1. Is-sehem ta' Malta fl-<u>Ewwel Gwerra Dinjija</u> u l-<u>effetti</u> li din ħalliet fuq il-gżejjer Maltin.

2. Matul is-seklu dsatax il-poplu Malti kellu l-<u>festi, id-drawwiet u t-tradizzjonijiet</u> tiegħu. Ikkummenta.

# Skema tal-Marki - Rabà Sena - Rotta 2

**Taħriġ A**

1. Iva 2. Le 3. Iva 4. Le 5. Le 6. Le 7. Iva 8. Le 9. Iva 10. Le

**Taħriġ B**

1. turizmu
2. 1890
3. Gerald Strickland
4. Sptar Mater Dei
5. Sette Giugno

**Taħriġ C**

1. Ħafna ħaddiema tat-tarzna tkeċċew mix-xogħol / il-prezz tal-ħobż għola

2. Il-folla tal-Maltin waqt id-demostrazzjonijiet. Is-suldati ngliżi pruvaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni.

3. Il-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali - laqgħa għall-mexxejja politiċi Maltin

4. 1921 - *Self Government* / Gvern Responsabbli

5. Gvern elett mill-poplu biex jieħu ħsieb affarijiet lokali

**Taħriġ D**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 7 | 8 | 5 | 9 | 2 | 1 | 10 | 6 | 3 |

**Taħriġ E**

1. Ġabra ta' liġijiet li fuqhom jitmexxa pajjiż.

2. Id-dritt li jiġu ppublikati ġurnali

3. Ittra ta' protesta kkumpanjata minn firem ta' diversi nies

4. Il-ġlieda bejn il-mexxejja politiċi Maltin biex tintgħażel il-lingwa uffiċjali tal-gżejjer Maltin.

5. Il-Kap tal-Istat sar il-President Malti flok il-Gvernatur u r-Reġina tal-Ingilterra.

**Taħriġ F**

1. Tramm 2. Elettriku 3. Il-Karozzi tal-linja għaliex ddominaw it-transport f'Malta

4. Lift 5. Mix-xatt tal-Belt sal-Barrakka ta' fuq

6. Jnaqqas mit-tniġġis tal-arja / jużawh it-turisti speċjalment dawk li jidħlu bil-*cruise liners*

**7.** Il-vapur 8. Id-dgħajsa tal-latini

**Taħriġ Ġ**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | faqar | 2. | għajn | 3. | injoranza | 4. | kawża |
| 5. | tuberkolożi | 6. | trakoma | 7. | barranin | 8. | trabi |
| 9. | pesta | 10. | progress | | | | |

**Taħriġ G**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Kummissjoni Rjali | 2. | Sistema tal-*free choice* |
| 3. | Tarzna | 4. | 1839 |
| 5. | Mr. Chadwick | 6. | Partiti politiċi |
| 7. | Taljanizzata / Ingliżizzata | 8. | Wignacourt / tal-Fawwara |

**Taħriġ Ħ**

1. It-Tieni Gwerra Dinjija
2. Il-Gvern Ingliż bgħat flus biex jinbena l-bini mwaqqa - *War Damage Commission*
3. *Housing estates*
4. Akwedott
5. Biex jitwassal l-ilma fil-Kottonera speċjalment Bormla mill-inħawi tal-Fawwara
6. Għad-diskrezzjoni tal-għalliem/a
7. Mandraġġ
8. Irġiel - jaħdmu biex jaqilgħu l-għixien ta' kuljum

   Nisà - xogħol tad-dar u trobbija tat-tfal

**Taħriġ I**

Għad-diskrezzjoni tal-għalliem/a